4. Żball ta' liġi bbażat fuq li l-Qorti Ġenerali sostniet b'mod żbaljat li d-dritt ta' proprjetà ta' VEB ġie rrispettat. Barra minn hekk, dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13).
(2) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1).
(3) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 271, p. 54).
(4) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 271, p. 3).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Isvezja) fit-30 ta' Novembru 2018 – Föreningen Svenska Tonsättares Internationella Musikbyrå u.p.a. (Stim), Svenska artisters och musikers intresseorganisation ek. för. (SAMI) vs Fleetmanager Sweden AB, Nordisk Biluthyrning AB

(Kawża C-753/18)

(2019/C 65/34)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Högsta domstolen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellanti: Föreningen Svenska Tonsättares Internationella Musikbyrå u.p.a. (Stim), Svenska artisters och musikers intresseorganisation ek. för. (SAMI)

Konvenuti: Fleetmanager Sweden AB, Nordisk Biluthyrning AB

Domandi preliminari

1) Il-kiri ta' vetturi mgħammra b'mod standard b'riċetturi tar-radju għandu l-effett li l-persuna li tikri dawn il-vetturi lil persuni oħra hija utent li jwettaq "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 [1], u tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 [2]?

2) Il-volum tal-attività ta' kiri ta' vetturi kif ukoll it-tul tal-kiri jista' jkollhom xi effett?

(1) Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).
(2) Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU 2006, L 376, p. 28).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Rădăuți (ir-Rumanija) fit-3 ta' Diċembru 2018 – OF vs PG

(Kawża C-759/18)

(2019/C 65/35)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Judecătoria Rădăuți

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: OF

Konvenut: PG

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li nuqqas min-naħa tal-konvenut li jqajjem oġġezzjoni li l-qrati Rumeni ma għandhomx ġurisdizzjoni internazzjonali sabiex jiddeċiedu fuq każ li jikkonċerna "divorzju li jinvolvi minuri" jammonta għall-kunsens taċitu tiegħu għall-każ li bih hija adita l-qorti mir-rikorrent, fejn il-partijiet għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru ieħor [tal-Unjoni Ewropea] (fil-każ preżenti, l-Italja) u fejn il-proċeduri tad-divorzju tressqu quddiem qorti tal-Istat li tiegħu l-partijiet huma ċittadini?

2) L-[Artikolu] 3(1) u l-[Artikolu] 17 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 għandhom jiġu interpretati fis-sens li qorti tista' jew għandha tqajjem, *ex officio*, oġġezzjoni li l-qrati Rumeni ma għandhomx ġurisdizzjoni internazzjonali sabiex jiddeċiedu fuq każ dwar "divorzju li jinvolvi minuri", fejn ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet, li huma residenti fi Stat Membru ieħor [tal-Unjoni Ewropea] (fil-każ preżenti, l-Italja), dwar l-għażla tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni (li tirriżulta fl-azzjoni miċħuda bħala li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Rumeni), li għandha prijorità fuq l-Artikolu 915(2) tal-Codul de procedură civilă (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), skont liema tista' titqajjem oġġezzjoni li l-Judecătoria Rădăuți (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Rădăuți) ma għandhiex ġurisdizzjoni territorjali esklussiva (li tirriżulta fiċ-ċaħda ta' ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi fuq il-każ favur il-Judecătoria Sectorului 5 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, is-Settur 5, Bukarest) u l-kawża li ġiet deċiża fuq il-merti), speċjalment minħabba li dawk id-dispożizzjonijiet huma inqas favorevoli mid-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata (l-Artikolu 915(2) tal-Codul de procedură civilă (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)?

3) L-espressjoni li tinsab fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, jiġifieri "il-ġurisdizzjoni ta' l-qrati ġiet aċċettata… xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-konjuġi u bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità, fil-ħin li l-qorti tieħu pussess ta' dan", għandha tiġi interpretata fis-sens li, fejn il-partijiet, li huma abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor [tal-Unjoni Ewropea] (fil-każ preżenti, l-Italja), jagħżlu bħala l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fi proċeduri ta' divorzju, qorti tal-Istat li tagħha huma ċittadini (il-Judecătoria Rădăuți (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Rădăuți) fir-Rumanija), dik il-qorti awtomatikament għandha wkoll ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq kapijiet tat-talbiet "tal-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, il-post tar-residenza abitwali tal-minuri u d-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri għall-ispejjeż tal-kura u tal-edukazzjoni tal-minuri"?

4) Il-kunċett ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" msemmi fl-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat bħala li jinkludi wkoll il-kunċetti ta' "awtorità tal-ġenituri" msemmija fl-Artikolu 483 tal-Codul civil (il-Kodiċi Ċivili), "ir-residenza abitwali tal-minuri" kopert mill-Artikolu 400 tal-Codul civil (il-Kodiċi Ċivili), u "il-kontribut tal-ġenituri għall-ispejjeż tal-kura u l-edukazzjoni tal-minuri" koperti mill-Artikolu 402 tal-Codul civil (il-Kodiċi Ċivili)?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6 p. 243).

Appell ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2018 minn Jean-François Jalkh mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fis-17 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-26/17, Jalkh vs Il-Parlament

(Kawża C-792/18 P)

(2019/C 65/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Jean-François Jalkh (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew